L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL INTERMEDJU TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2024**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| DATA: | 11 ta' Mejju 2024 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sa 12:05 p.m. |

**TAQSIMA A: IL-QARI U L-KITBA PRATTIKA**

**A1. Il-qari**

**Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

Lejn tmiem is-sena 2022, il-pubbliku sar konxju tal-intelliġenza artifiċjali ġenerattiva minħabba ChatGPT. Minn dak iż-żmien 'l hawn, bosta staqsew: "It-teknoloġija diġitali hija tajba jew ħażina għall-edukazzjoni?" (par. 1)

It-tweġiba hija kumplessa. Il-bidla li ġġib it-teknoloġija hija inevitabbli: sitt mitt sena ilu, meta beda l-istampar, bdiet rivoluzzjoni fil-mod ta' kif nittrażmettu l-għarfien. Ir-radju, it-televiżjoni, il-kompjuters, l-internet u l-mezzi soċjali nefħu nifs ġdid fl-edukazzjoni imma bdew iqanqlu wkoll xi tħassib. (par. 2)

It-teknoloġija diġitali toffri opportunitajiet kbar. Tgħinna nilħqu lil dawk fostna li ġieli ma nagħtuhomx biżżejjed importanza, ngħidu aħna l-istudenti b'diżabilità, jew dawk li ġejjin minn komunitajiet lingwistiċi u kulturali minoritarji. It-teknoloġija tgħinna noffru tagħlim personalizzat u tagħti lok anke għal sistemi skolastiċi aktar flessibbli. Tista' tintuża wkoll biex tegħleb il-limiti tal-post u l-ħin marbuta ma' esperjenzi edukattivi immersivi. (par. 3)

Madankollu, il-periklu qiegħed hemm ukoll. Ma' kull teknoloġija ġdida qed jiżdied il-faqar diġitali. Matul il-pandemija tal-COVID-19, 31% tal-istudenti madwar id-dinja ma kellhomx aċċess għat-tagħlim online. Il-preżenza tal-informazzjoni żbaljata u tad-diskors ta' mibegħda qed tiżdied u 95% tal-lingwi umani ħajjin qed jingħataw il-ġenb fir-riżorsi online. Bdiet tinħass il-ħtieġa li nserrħu rasna li kwalunkwe bidla drastika tkun ta' benefiċċju għall-għalliema u għall-istudenti. (par. 4)

L-intelliġenza artifiċjali ġenerattiva tant hija b'saħħitha li għandha l-kapaċità timita dak li jagħmlu l-bnedmin – tipproduċi l-kitba, l-istampi, il-vidjows, il-mużika u l-kodiċijiet użati fis-software. Minħabba f'hekk qed jinħass il-bżonn li jerġa' jinfetaħ id-diskors dwar x'inhi l-intelliġenza tal-bniedem u x'jagħmilha unika. Irridu nifhmu aħjar x'jitgħallem il-bniedem, kif jitgħallmu u għalfejn jitgħallmu. (par. 5)

Il-Global Monitoring Education Report tal-2023 wasal għall-konklużjoni li *ċerta* teknoloġija tgħin *ċertu* tagħlim f'*ċerti* kuntesti. It-teknoloġija m'għandha qatt tieħu post l-għalliema umani bħala nies imħarrġin biex jgħinu lill-istudenti fl-iżvilupp ħolistiku tagħhom bħala individwi u membri tas-soċjetà. Biex niftħu l-bibien għall-opportunitajiet diġitali għal kulħadd, irridu rressqu t-teknoloġija lejn l-edukazzjoni, xprunati dejjem mill-prinċipji tal-inklużjoni, l-ekwità, il-kwalità u l-aċċessibilità. (par. 6)

*(Addattata mill-editorjal ta' Stefania Giannini fil-pubblikazzjoni Education in the Age of Artificial Intelligence, ħarġa ta' The UNESCO Courier, Ott-Diċ 2023.)*

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**Wieġeb il-mistoqsijiet skont dak li għadek kemm qrajt.**

1. Ikteb l-ittra tal-istqarrija t-tajba: (2)
   a. L-intelliġenza artifiċjali se tieħu post il-bniedem f'kull aspett tal-ħajja.
   b. Kwalunkwe teknoloġija tista' tgħin fit-tagħlim.
   ċ. It-teknoloġija ma tistax tilħaq lil kulħadd.
   d. L-intelliġenza tal-bniedem u l-intelliġenza artifiċjali mhumiex l-istess.

2. Qassar it-test li għadek kemm qrajt f'paragrafu **WIEĦED** ta' **bejn 80 u 90 kelma**. Ikteb fi kliemek u uża t-tielet persuna fil-perfett. (5)

3. Fis-silta naqraw li "95% tal-lingwi umani ħajjin qed jingħataw il-ġenb fir-riżorsi online" (par. 4). X'taħseb li qed tipprova tfisser b'dan il-kliem? (3)

**A2. Il-kitba prattika**

Immaġina li inti parti minn tim li qed jaħdem fuq l-intelliġenza artifiċjali. Ikteb artiklu qasir ta' **bejn 100 u 150 kelma** li fih tispjega l-kontribut tat-teknoloġija f'qasam kruċjali bħall-edukazzjoni.

(10)

**(Total: 20 marka)**

**TAQSIMA B: IL-LINGWISTIKA**

**Wieġeb IŻ-ŻEWĠ mistoqsijiet.**

1. Il-komunità lingwistika tal-Malti hija pjuttost żgħira, speċjalment meta nħarsu lejn lingwi oħra li għandhom għadd ferm ikbar ta' kelliema. Minkejja dan, fil-kuntest tal-Malti xorta waħda nsibu sitwazzjoni ta' diglossja. F'kitba qasira ta' **bejn 80 u 100 kelma** spjega x'nifhmu b'dan it-terminu u kkummenta dwar id-diglossja fil-gżejjer Maltin. (6)

2. Il-Malti huwa msawwar minn lingwi b'sistemi differenti li mbagħad tħalltu flimkien. F'kitba ta' **bejn 300 u 350 kelma** uri kif il-Malti integra xi kliem ta' nisel Rumanz u Ingliż fis-sistema morfoloġika tal-Għarbi, filwaqt li ċertu kliem li ġej mill-Għarbi ġie integrat fis-sistema Rumanza. Saħħaħ l-argumenti tiegħek b'eżempji xierqa. (15)

**(Total: 21 marka)**

**TAQSIMA Ċ: IL-POEŻIJA**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 300 u 320 kelma.**

1. Fil-ġabra *Xi Drabi Mqar Persuna*, Simone Galea tagħti leħen lill-mara, f'oqsma fejn in-nisa ma jingħatawx wisq opportunità li jsemmgħu leħinhom. Iddiskuti.

**JEW**

2. Uri kif il-metrika ħielsa fil-poeżiji ta' Simone Galea fil-ġabra *Xi Drabi Mqar Persuna* tirrifletti l-argumenti tal-poetessa.

**(Total: 22 marka)**

**TAQSIMA D: Il-PROŻA**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 300 u 320 kelma.**

1. Ir-regħba ta' Lippu u l-imnieħer imxammar ta' Karmni fir-rumanz *Ħelsien* ta' Ġużè Bonniċi, wasslu għall-ingratitudni ta' Luretu lejhom. Iddiskuti din l-istqarrija.

**JEW**

2. Skont Oliver Friggieri r-rumanz sentimentali jkollu fih "personaġġi tajbin, bla ħtija, aktarx jgħaddu minn tiġrib ikrah u huma xorta waħda jibqgħu tajbin, anzi jsiru vittmi ta' destin wisq aktar qawwi minnhom". Iddiskuti r-rumanz *Ħelsien* ta' Ġużè Bonnici minn perspettiva sentimentali b'rabta ma' dak li jgħaddi minnu Feliċ.

**(Total: 22 marka)**